MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 1205/2010

**GO plc – C22334**

**vs**

**D'Agostino Mario**
**ID786753-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-soceta' attrici s-somma ta' mitejn hamsa u disghin Ewro sitta u sittin centezmu (€295.66c), liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 21488688 skond kif jirrizulta mill-anness dokument markat Dok A. Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali mibghuta ai termini ta' l-Art. 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-

imghaxijiet mid-data ta' l-ahhar pagament u cioe' mit-8 ta' Mejju, 2009 kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet attrici huma infondati stante li l-esponenti kien talab li jieqaflu s-servizz peress li kien qaleb ghal mal-Melita. Bl-ispejjez.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Ikkunsidra,
Illi s-socjeta' attrici qed titlob hlas minghand il-konvenut ta' ammont li jirraprezenta bilanc dovut in konnessjoni ma' servizz telefoniku li gie pprovdut lilu diversi snin ilu mis-socjeta' attrici, u liema servizz gie terminat wara li l-konvenut informa lis-socjeta' attrici illi kien lahaq ftehim gdid ma' socjeta' ohra, u cioe' Melita p.l.c. Illi fil-fatt il-konvenut talab illi jkun hemm *porting* tas-servizz minn socjeta' ghal ohra, u f'April, 2009 radd lura lis-socjeta' attrici l-modem proprjeta' taghha.
Illi jidher illi l-konvenut kien ihallas regolarment il-kontijiet mibghuta lilu mis-socjeta' attrici; izda wettaq l-ahhar pagament fit-8 ta' Mejju, 2009, u b'segwitu ta' dik id-data ma sar ebda hlas iehor minnu. Illi l-hlas li qed jintalab mis-socjeta' attrici jirraprezenta l-kont li akkumula b'effett mill-1 ta' Gunju 2009 sat-28 ta' Marzu, 2010.
Illi l-konvenut isostni illi minn meta radd lura lis-socjeta' attrici l-modem, hu ffirma ftehim ma' Melita p.l.c., u ma baqax juza s-servizz li kienet qed tipprovdilu s-socjeta' attrici. Illi l-istess konvenut ipprezenta kopja tal-ftehim li hu ffirma mas-socjeta' Melita p.l.c.; madanakollu, minn dan id-dokument ma tirrizultax sodisfacentement id-data meta gie ffirmat dan id-dokument, ghalkemm jidher illi huwa datat 21 ta' Mejju, minghajr ma hemm specifikat is-sena.
Illi fil-kopja tal-korrispondenza li giet skambjata bejn il-konvenut u impjegati u ufficjali fi hdan is-socjeta' attrici jirrizulta illi l-*porting* ma sehhx hekk kif gie ffirmat il-ftehim, u fil-fatt sa Novembru tal-2009, dan il-*porting* kien ghadu ma sehhx. Illi tul dan iz-zmien jidher illi l-konvenut xorta

baqa' jaghmel uzu mil-linja tat-telephone, tant illi f'e-mail datata 30 ta' Novembru, 2009 (*a fol.* 39) l-istess konvenut iddikjara bil-miktub kif gej: "*Jien la illum sirt naf minghandek li min[n] mal-Go ghadni manqtajtx .... mhiniex se mmur naqta min mal GO...*". Illi ghalhekk f'dak l-istadju il-konvenut sar konsapevoli tal-fatt illi s-servizz li kien qed jigi rez mill-GO kien ghadu operattiv, u *ex admissis* iddikjara li ma kienx ser iwaqqaf is-servizz sabiex ikompli jkun moqdi f'dak li jirrigwarda l-linja fissa.

Illi tenut kont ta' dawn il-fatti, u tenut kont tal-fatt illi l-kont rilaxxjat mis-socjeta' attrici, u li in bazi tieghu giet proposta din l-azzjoni, huwa ghaz-zmien meta s-servizz ta' linja fissa kien ghadu operattiv, allura jsegwi illi l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici minghand il-konvenut, jirrizulta sodisfacentement li huwa dovut. Dan tenut kont ukoll tal-fatt illi l-konvenut ma gab ebda prova sabiex juri illi kien qed ihallas lis-socjeta' Melita p.l.c. **ghall-istess servizz** li kienet qedha tipprovdi s-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn hamsa u disghin Ewro u sitta u sittin centezmu (€295.66c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------